**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' April, 2018

Rikors numru : 127/18 AL

**AB**

*vs*

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata C Spiteri nhar is-17 ta' April tas-sena elf disgha mija u tlieta u disghin (1993) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment minn ma' xulxin fit-18 ta' Lulju tas-sena elfejn (2000) permezz ta' kuntratt bonarju ta' firda personali in atti Nutar Dr Isabelle Gonzi, vera kopja tal-kuntratt

tal-firda personali qeghda tigi hawn unita u mmarkata bhala Dok. 'B';

3. Illi illum 'il gurnata ddekorrew sbatax-il sena mid-data tal-istess firda personali tal-partijiet u effettivament ma tezisti ebda` possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimata;

4. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti kien irrinunzja irrevokabilment ghal-manteniment minghand martu filwaqt li l-intimata tircievi manteniment ta' mija u erbghin ewro (€140) fix-xahar minghand ir-rikorrenti, liema manteniment dejjem inghata u inghata fil-hin.

5. Illi mill-imsemmi zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal bl-isem ta' S u W, li llum il-gurnata it-tnejn huma maggorenni u li kopja taċ-Ċertifikati tat-Twelid huma annessi u mmarkati bħala Dok 'Ċ' u Dok 'D' rispettivament.

6. Illi in vista ta' dan premess jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghall-halla taz-zwieg u ghall-otteniment ta' divorzju bejn l-istess partijiet.

Talab in vista ta' dak espost fil-premess li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(a) Tiddikjara liz-zwieg taghhom hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi; u
(b) Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u biex jirregistrah skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2018;

Rat illi l-intimata fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Lulju, 2000;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.